MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 36/2014

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti izzewgu fit-tnejn u ghoxrin ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (22.05.2006) fir-registru gewwa Valletta, Malta u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal ;
2. Illi z-zwieg tal-kontendenti gie rregistrat fir-Registru Pubbliku permess ta’ Att taz-zwieg numru sitt mija u tlieta u tletin tas-sena elfejn u sitta (633/2006), kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A ;
3. Illi l-kontendenit illum huma sseparati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Rueben Debono datat ghaxra ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbatax (10.01.2014), illi kopja tal-kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B ;
4. Illi z-zwieg tal-kontendenti gie effettivament iccelebrat biex l-konvenuta takkwista c-citadinanza Maltija tant illi wara ftit xhur li kisbet tali cittadinanza bdiet turi li ma kellha ebda interess fil-hajja matrimonjali ;
5. Illi kien hemm eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu tant li l-konvenuta qatt ma kellha intenzjoni li jkollha tfal minn dan iz-zwieg ;
6. Illi kien hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga skont l-Artikolu 19 (1) (d) ;
7. Illi l-kunsens tal-konvenuta kienet bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg skont l-Artikolu 19 (1) (f) ;
8. Illi l-konvenuta rabtet il-kunsens taghha ma kondizzjoni li tirreferi ghall-futur skont l-Artikolu 19 (1) (g) ghaliex l-intenzjoni taghha waqt l-att taz-zwieg kien li bis-sahha ta’ dan iz-zwieg hi kienet se takkwista c-cittadinanza Maltija ;
9. Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-attrici mal-konvenut huwa null u bla effett tal-ligi, minhabba ragunijiet mressqa li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni u l-esponent jirriserva li jzied ma din id-dikjarazzjoni waqt il-kawza ;
10. Illi ghalhekk ir-rikorrenti hass il-htiega li kellha ssir din il-kawza sabiex iz-zwieg jigi ddikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg tal-kontendenti kuntrattat fit-tnejn u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (22.05.2006) huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Tordna li din in-nullita tigi rregistrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet;

1. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza, z-zwieg tal-kontendenti huwa validu u ma jissussistux ragunijiet validi sabiex tali zwieg jigi dikjarat null;
2. Salv eccezzjonijiet kontra l-attur li huwa minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-provi illi tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat it-22 ta' Mejju 2006 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d), 19 (1)(f) u 19(1)(g) tal-Kap. 255.

Min-naha l-ohra, l-intimata tikkontendi li dan huwa zwieg validu u li m'hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex tali zwieg jigi dikjarat null.

**<u>Il-verzjoni tar-rikorrent</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[1], r-rikorrent jghid li ltaqa' mal-intimata permezz tal-internet u hi giet hawn Malta sabiex tghinu fit-trobbija ta' wliedu li kellu minn relazzjoni precedenti. Wara ftit bdiet ir-relazzjoni taghhom, li ghall-ewwel kienet tajba b'dan li r-rikorrent kien jghinha finanzjarjament u f'dak kollu li kien hemm bzonn. Ghenha sabiex tistudja u tiggradwa, tmur Bangkok kull sena u ghen ukoll lill-genituri taghha sabiex jixtru appartament f'Bangkok. Wara relazzjoni ta' tliet snin, u ghaliex kienet tidher li thobbu, r-rikorrent accetta li jizzewgu biex jikkuntenta lill-intimata. Jghid li ma kellu ebda intenzjoni li jizzewweg peress li kellu t-tfal u kien komdu, pero' ried jaraha kuntenta.

Wara z-zwieg baqghu jghixu hajja komda u rega' ghen sabiex il-genituri tal-intimata jakkwistaw dar. Dan wassal ghal titjib fil-hajja taghhom u r-rikorrent jghid li ghamel tali pass sabiex jara lil martu kuntenta kif ukoll ghaliex kienet tghidlu li eventwalment meta jmorru jghixu Thailand, ikollhom fejn jghixu.

---
[1] Esebit a fol 15 tal-process

Jghid li minkejja li kellha relazzjoni tajba hafna ma' wliedu, l-intimata qatt ma riedet tfal mieghu u dan kien aspett li ma setax jifhmu. Riedet tahdem biex tintegra fis-socjeta' u ma oggezzjonax. Hajjithom baqghet ghaddejja tajjeb ghalkemm l-introjtu taghha kien imur ghand il-genituri taghha. Kien ghalhekk li r-rikorrent ma kellu ebda problema li japplika ghac-cittadinanza tal-intimata hekk kif ghalqu hames snin mizzewgin. Tali procedura ma damitx, tant li l-intimata hadet ic-cittadinanza fi Frar 2013. Marru Thailand flimkien u rritornaw izda mal-wasla lura, l-intimata bdiet tohrog bil-lejl u tibqa' tiddeverti barra u hafna drabi kienet tirritorna lura xurbana. Flok kienet tiehu hsieb lil uliedu, kienet torqod. Imbaghad, f'Settembru 2013, qaltlu li riedet titlaq. Ir-rikorrent jghid li kien sorpriz b'din id-decizjoni taghha u ipprova jirranga l-affarijiet izda l-intimata ma riditx tisma', tant li telqet dakinhar stess.

Ir-rikorrent jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li hassu ngannat ghaliex l-intimata izzewgitu biss ghac-cittadinanza, tant li wara ftit xhur li rnexxilha ggib tali cittadinanza, telqet mid-dar. Jghid li minn Settembru 'l quddiem ma kellha ebda kuntatt mat-tfal.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimata</u>**

Permezz tad-dikjarazzjoni guramentata taghha[2] l-intimata tghid li zzewget bl-intenzjoni li tibni familja u li dejjem qdiet id-dmirijiet taghha bhala mara mizzewga. Kien ir-rikorrent li ma xtaqx li jkollhom ulied peress li kellu t-tfal minn relazzjoni precedenti b'dan li kienet thobb lil dawn l-ulied (li kienu jghixu maghhom) qishom taghha. Kienet tara li l-istess ulied ma jonqoshom xejn. Tichad l-allegazzjonijiet li jgib ir-rikorrent.

---

[2] Ara a fol 22 tal-process

Imbaghad, permezz tal-affidavit taghha[3], tghid li l-holma taghha kienet li ssib guvni barrani, tizzewweg u tibni familja mieghu. Tirrakkonta kif iltaqghet mar-rikorrent fuq l-internet, li qallha li kellu 31 sena meta fil-verita' kellu 34 u li ma kellux tfal meta fil-verita' kellu zewgt ulied. Hasbet li dan kien ir-ragel ideali ghaliha. Tghid li r-rikorrent mar jaghmel xahar Thailand maghha u sussegwentement nizlu Malta flimkien. L-arrangament ta' bejniethom kien fis-sens li kellu jghinha finanzjarjament halli hi tkun tista' tibghat xi flus lill-familjari taghha li kienu fqar. Kien meta giet Malta li skopriet li r-rikorrent kellu zewgt ulied u li kien mizzewweg qabel. Tghid li dan kien xokk ghaliha ghaliex sabet li kien gidbilha u li ma setghux jizzewgu. Pero' r-rikorrent qallha li kien ser igib l-annullament u li xorta jkunu jistghu jizzewgu.

L-intimata tghid li saret thobb lil uliedu daqs li kieku kienu wliedha stess b'dan li kienet taghmel kollox ghalihom, daqs li kieku kienet ommhom. Ir-rikorrent kien jaghtiha s-somma ta' Lm50 fix-xahar ghall-genituri taghha pero' qatt ma taha xejn aktar hlief meta kienet titolbu hi.

Wara sena li kienu ilhom jghixu Malta, l-intimata riedet li jkollhom it-tfal izda r-rikorrent infurmaha li ma riedx aktar tfal. Dan kien ta' dizappunt ghaliha ghaliex xtaqet li jkollhom it-tfal flimkien.

Kompliet tistudja bl-intenzjoni li ssib impjieg f'Malta permezz tad-*degree*. Wara sentejn izzewgu. Marru Thailand biex jaghmlu c-cerimonja hemmhekk izda tghid li dak inhar tat-tieg, ir-rikorrent ma kienx kuntent ghaliex kellu jqum kmieni u kien nervuz. Bdiet tibki meta ratu hekk u qaltlu li jekk ma riedx jizzewweg, setghu iwaqqfu kollox izda mbaghad ikkalma.

Wara hames snin jghixu flimkien, qalilha li kien sejjer l-Indonesia biex jiltaqa' ma' xi hbieb. Kellu hafna hbieb, nisa Asjatici u mhux l-ewwel darba li qabditu jitkellem maghhom fuq l-internet. Fuq il-*profile* tieghu

[3] Esebit a fol 35 tal-process

kiteb li ried isib "***a pretty Asian girl to marry her***" u li ried li jigi kkuntattjat. Meta l-intimata kkonfrontatu b'dan kollu, r-rikorrent stqarr li jiddispjacih u talabha taghtih cans iehor. Pero' sussegwentement qabditu jitkellem ma' nisa ohrajn fuq l-internet u jghidilhom li huma sbieh.

Meta bdiet tahdem *part-time* u kompliet tibghat il-flus lill-genituri taghha barra minn Malta, r-rikorrent ma hax gost izda hi fakkritu li l-genituri taghha kienu anzjani u li ma setghux jghixu hajja dicenti minghajr il-flus li tibghatilhom. Fakkritu wkoll fil-patt li kienu ghamlu qabel ma nizlet Malta u cioe' li kienet ser tibghat flus lill-genituri taghha.

L-intimata tghid li r-rikorrent kien jiehu l-kura biex jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu u biex ma jkunx nervuz. Kien jitlef it-tempra b'dan li l-genituri taghha dejjem qalulha biex izzomm il-pacenzja. Sabet impjieg f'*restaurant* Tajlandiz u bdiet iddum ix-xoghol pero' baqghet tiehu hsieb lil uliedu.

Peress li kienu jmorru Thailand kull sena, xtraw bicca art u fuqha bnew dar. Il-pjan kien li r-rikorrent jirtira u jmorru jghixu Thailand. B'referenza ghall-gurnata fejn telqet mid-dar matrimonjali, tghid li ma kellhiex ghazla ohra peress li r-rikorrent kien irrabjat hafna u mbuttaha. Kif imbuttaha, waqghet it-tarag. Tghid li li kieku baqghet tghix mieghu, kien ser iweggahha. Hekk kif kienet ser titlaq, l-unika haga li staqsiha kienet biex issiblu xi Tajlandiza ohra li riedet tghix mieghu. Hadilha dokumenti personali taghha u ma tahiex il-flus li kienet gemmghet. Lanqas flus ghal tal-linja ma kellha u lanqas halliha tiehu hwejjigha.

Tghid li timmissja hafna lit-tfal b'dan li minkejja li ma kienux ghadhom flimkien, kienet tmur tarhom kull gimgha. Darba minnhom anke sajritilhom. Izda mbaghad, wara xahrejn li ma baqghux flimkien, ir-rikorrent qalilha biex ma taghmilx aktar kuntatt maghhom. Heddidha biex ma tmur ghand l-ebda avukat ghax jekk tmur kien ser jaghmel dak kollu li hu possibbli sabiex ma tkunx tista' tibqa' tghix hawn Malta. Heddidha

wkoll li jekk ma taghtihx lura l-flus fuq l-art ta' Thailand, kien ser jaghmel minn kollox biex ma tibqax hawn Malta u ghalhekk iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni kif ried hu u accettat li thallas is-somma ta' Euro200 fix-xahar. Taghlaq billi tghid li wara tliet xhur, ir-rikorrenti mar il-Filippini biex jizzewweg tfajla ohra u tiddikjara li din l-istess tfajla tghix mieghu hawn Malta.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar it-22 ta' Mejju 2006 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Il-Qorti, taghmel referenza ghax-xiehda ta' omm ir-rikorrent[4], fejn tirrakkonta li n-neputijiet taghha (ulied ir-rikorrent) kienu jhobbu lill-intimata u li binha, wliedu u l-intimata kienu kuntenti flimkien. Tghid li binha ma kien ihalliha nieqsa minn xejn lill-intimata tant li kien jghin anke lill-genituri taghha. Meta saret taf li ser jizzewgu, kienet kuntenta ghaliex kienet taf li binha jhobbha u b'hekk kienu ser jghaqdu familja. Wara z-zwieg, kollox baqa' miexi tajjeb. Izda mbaghad, wara btala gewwa Thailand f'Gunju 2013, l-intimata nbidlet. Ma baqghetx taghti kaz tat-tfal u d-dar bhal qabel. Meta binha qalilha li martu riedet titlaq, marret tkellimha biex tipprova tirranga s-sitwazzjoni izda tghid li l-intimata ma riditx taf. Telqet dak inhar stess u lanqas zammet kuntatt mat-tfal aktar.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-partijiet, minhabba anomaliji psikologici serji, kienu inkapaci illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrent qatt ma kellu l-intenzjoni li verament jifforma familja u jifforma dik l-ghaqda li tant hi necessarja fiz-zwieg. Qatt ma verament ried jizzewweg fis-sens wiesgha tal-kelma.

[4] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 17 tal-process

Dan ma jfissirx li r-rikorrent ma kellux dak il-gudizzju necessarju sabiex jevalwa d-decizjoni tieghu ghaz-zwieg. Anzi mix-xiehda tar-rikorrent jirrizulta li kien kuntent kif kien u li ma kellu ebda intenzjoni li jizzewweg, izda biex jaghmel lill-intimata ferhana, accetta li jizzewweg. Min-naha taghha, l-intimata dejjem uriet ix-xewqa li tizzewweg u ma wriet ebda agir li jista' jaghti indikazzjoni li riedet tizzewweg biss ghal skopijiet ulterjuri. Lanqas ma wriet indikazzjonijiet li juru li dahlet ghal dan iz-zwieg b'nuqqas ta' diskrezzjoni *ai termini* tal-gurisprudenza citata. Tant hu hekk li anke mix-xiehda tar-rikorrent stess jirrizulta li l-intimata kienet mara ddedikata, kienet thobb lil uliedu u li ma kien hemm ebda problem da parti taghha fiz-zwieg, ghall-anqas sakemm telqet mid-dar. Dan kollu juri li fil-verita' kien ir-rikorrent li dahal ghal dan iz-zwieg ghal ragunijiet hziena u minghajr ma wisq ta' piz lil tali decizjoni ghaliex jammetti li zzewweg sempliciment biex jaghmilha kuntenta u xejn aktar.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[5] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[6] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn***

[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[6] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, ir-rikorrent ma kellux id-*discretio judicii* necessarju, imma kif ser jigi diskuss aktar ‘il quddiem, ghazel li jizzewweg biex jaghmel lill-intimata ferhana bhal li kieku tali decizjoni setghet qatt taghti zwieg dejjiemi u mibni fuq pedamenti sodi.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mix-xiehda tal-partijiet m’hemmx qbil dwar min fattwalment ma riedx l-ulied. Ir-rikorrent iwahhal fl-intimata u din tal-ahhar twahhal fih. Dwar l-allegazzjoni ta’ konvenjenza, l-Qorti tirrileva li r-rikorrent isosnti li l-intimata zzewgitu bl-iskop li tikseb ic-cittadinanza Maltija u xejn aktar. Min-naha l-ohra, l-intimata ssostni li dan mhux minnu u li dahlet ghal dan iz-zwieg b’intenzjonijiet tajbin.

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[7] fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha***

[7] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

***biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[8] u **Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[9] fejn gie ritenut li:

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Issir referenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[10] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[11] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulate peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mill-provi prodotti ma jirrizultax b'mod car li l-intimata dahlet

[8] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[9] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[10] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[11] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta’ konvenjenza, tant li bniet relazzjoni tajba hafna ma’ wlied ir-rikorrent u pruvat taghmel minn kollox ghalihom (kif fil-fatt jikkonferma r-rikorrent stess u ommu fl-affidavits taghhom). L-intimata tghid li telqet mid-dar minhabba li r-rikorrent kien qed jaghmel kuntatt ma’ nisa Asjatici fuq l-*internet.* Huwa interessanti kif tali allegazzjoni ma giet kontraddetta bl-ebda mod mir-rikorrent. Fid-dawl ta’ dan kollu, l-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti m’hemmx ic-certezza morali u necessarja li l-intimata riedet takkwista c-cittadinanza u li din kienet ir-raguni ghaz-zwieg.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(g) u cioe’ li l-intimata rabtet il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur, ghal darb’ohra il-Qorti tirrileva li m’ghandha l-ebda prova konkreta li fil-verita', fil-mument tal-kunsens, l-intimata rabtet tali kunsens mal-kondizzjoni li takkwista c-cittadinanza Maltija. Il-partijiet innifishom jaghtu verzjonijiet differenti dwar x’kienet ir-raguni tas-separazzjoni taghhom, b’dan li r-rikorrent jghid li l-intimata bdiet tohrog u tidhol id-dar kmienu filghodu u ma tiehux hsieb lil uliedu filwaqt li l-intimata tghid li z-zwieg tfarrak ghaliex ir-rikorrenti beda jkellem nisa ohra fuq l-internet. Fin-nuqqas ta' provi ulterjuri, il-Qorti m'hijiex propensa li tasal ghal konkluzjoni li xi parti rabtet il-kunsens taghha ma' tali kondizzjoni.

Il-Qorti tirrileva li f’dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta’ Marzu 1994[12] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher car li fil-mument tal-kunsens taghhom, il-partijiet riedu li jizzewgu (ghalkemm forsi ghal ragunijiet differenti), u m’hemm xejn li jista’ jwassal lill-Qorti ghal konkluzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg fuq dan l-aggravju.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

---

[12] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------